



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0207(COD)

6833/20
ADD 1 REV 2

JAI 240
INFO 4
CADREFIN 35
FREMP 23
DROIPEN 130
COPEN 394
JUSTCIV 160
CODEC 186

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014
– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni adottat il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri għall-perijodu 2021-2027¹.
2. L-eżami tal-proposta beda f'Ottubru 2018 u tlesta f'Diċembru. Fid-19 ta' Diċembru 2018, il-COREPER ta mandat ta' negozjar parzjali².
Peress li r-Regolament propost huwa wieħed mill-pakkett ta' proposti marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (minn hawn 'il quddiem: QFP), id-dispożizzjonijiet kollha b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali twarrbu, sakemm isir aktar progress fir-rigward tal-QFP.
3. Fl-20 ta' Frar 2019, il-COREPER ta estensjoni tal-mandat parzjali, li ppermetta li jiġu nnegozjati d-dispożizzjonijiet, il-premessi u l-attivitajiet marbuta mal-linja l-għdida dwar il-valuri tal-Unjoni proposti mill-Parlament Ewropew.
4. Ġew organizzati erba' trilogi, fit-22 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar, fl-20 ta' Frar u fis-6 ta' Marzu 2019, li kienu ppreċeduti minn diversi laqgħat tekniċi u sessjonijiet ta' abbozzar. Fil-Kunsill, ġew organizzati tliet laqgħat tal-Grupp ta' Hídma Ad Hoc dwar l-Istrumenti Finanzjarji tal-ĠAI biex l-Istati Membri jiġu infurmati dwar il-progress tan-negozjati u jintlaqa' r-rispons tagħhom, li saru fl-1, fil-15 u fit-28 ta' Frar 2019.
5. Dawn in-negozjati ppermettew li jintlaħaq fehim komuni mal-Parlament Ewropew³ dwar il-partijiet mhux fil- parentesi tal-proposta, li għalihom il-Presidenza ngħatat mandat. L-eżitu ta' dawk in-negozjati jinsab fid-dokument 7249/1/19. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Coreper ikkonferma l-fehim komuni li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew.

¹ 9605/1/18 REV 1

² 15347/18

³ 7249/1/19

6. Il-Parlament Ewropew ikkonferma l-fehim komuni fis-17 ta' April 2019, permezz tal-adozzjoni tar-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu (l-ewwel qari).
7. Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Coreper eżamina l-fehim politiku proviżorju milħuq min-negozjaturi dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Dan ippermetta lill-Coreper jadotta l-mandat sħiħ għan-negozjati rigward il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (it-titolu tal-programm ġie emendat matul in-negozjati tal-2019 mal-Parlament Ewropew), fit-2 ta' Diċembru 2020.
8. Saru żewġ trilogi oħra fl-10 u fis-17 ta' Diċembru 2020. Fis-17 ta' Diċembru 2020 intlaħaq qbil politiku proviżorju mal-Parlament Ewropew.
9. Sadanittant, fis-17 ta' Diċembru 2020, id-diversi elementi tal-pakkett tal-QFP ġew adottati formalment mill-Kunsill.
10. Fit-3 ta' Frar 2021, il-Coreper analizza t-test ta' kompromess finali u esprima l-appoġġ tiegħu għalih.
11. Fl-4 ta' Frar 2021, il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew bagħat ittra lill-President tal-Coreper (Parti 2), li tikkonferma l-qbil tal-Parlament Ewropew dwar l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali (soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet).
12. Fis-17 ta' Frar 2021, il-Coreper laħaq qbil politiku dwar it-test ta' kompromess.

II. OBJETTIV

13. Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri għandu l-għan li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri minnha fit-Trattati tal-UE sabiex jiġu sostnuti soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi. Fil-proposta tal-Kummissjoni, kellu tliet objettivi speċifiċi: (i) li jiġu promossi l-ugwaljanza u d-drittijiet (l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-drittijiet tat-tfal), (ii) li jiġu promossi l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni (il-linja tal-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini) u (iii) li tiġi miġġielda l-vjolenza, b'mod partikolari kontra t-tfal u n-nisa (il-linja Daphne). Għe miżjud ir-raba' objettiv, wara negozjati mal-Parlament Ewropew bl-għan li jiġu protetti u promossi l-valuri tal-Unjoni (il-linja tal-valuri tal-Unjoni).

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Linja ġdida

14. Iddaħħlet ir-raba' linja ġdida (il-valuri tal-Unjoni), minbarra t-tlieta eżistenti (il-linja tal-ugwaljanza u d-drittijiet, il-linja tal-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-linja Daphne). Din il-linja hija maħsuba b'mod partikolari biex tippromwovi d-demokrazija u l-istat tad-dritt. Dawn l-elementi huma fundamentali fil-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u fl-iżgurar tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. B'dan il-mod, il-programm ser jikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni aktar demokratika, ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba.
15. Il-finanzjament addizzjonali pprovdut permezz tal-allokazzjoni addizzjonali jiżgura li l-linja tal-valuri tal-Unjoni tkun iffinanzjata b'mod adegwat u li l-implimentazzjoni xierqa tat-tliet linji l-oħra ma tiddgħajjifx.

Allokazzjoni ta' fondi

16. Minħabba li l-ammont tal-pakkett finanzjarju oriġinali aktar milli rdoppja permezz taż-żieda minħabba l-allokazzjoni addizzjonali, il-programm ser jirċievi finanzjament adegwat. L-allokazzjoni ta' fondi fost l-erba' linji tal-programm tiddedika somma sostanzjali ħafna ta' EUR 689.5 miljun (fi prezzijiet attwali) għal-linja l-għdida tal-Valuri tal-Unjoni u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet bażiċi biex din tirċievi finanzjament diġà fl-2021 - dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tappella lill-Kummissjoni biex tiegħu l-azzjonijiet xierqa kollha biex jintlaħaq dak l-oġġettiv. Fl-istess ħin, "ammont ta' flessibbiltà" ta' EUR 91.2 miljun (fi prezzijiet attwali) ma jiġix attribwit, sabiex ikun jista' jiġi indirizzat kwalunkwe bżonn emerġenti.

Preallokazzjoni u implimentazzjoni

17. Sabiex jiġu enfasizzati l-prijoritajiet politiċi ewlenin, ġiet introdotta preallokazzjoni limitata f'kull linja. Fl-istess ħin, biex tiġi żgurata implimentazzjoni soda u l-kapaċità li tirreaġixxi għall-isfidi futuri, il-marġni ta' flessibbiltà għall-Kummissjoni biex tiddevja kull sena minn dik il-preallokazzjoni żdiedet minn ħamsa għal għaxra fil-mija. Bl-istess mod, ġie kkonfermat li l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali ser ssir permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

IV. KONKLUŻJONI

18. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negożjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Dan tal-aħħar ġie kkonfermat mill-ittra msemmija hawn fuq mill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew u sussegwentement approvat mill-Coreper fis-17 ta' Frar 2021.